

Il-Ħamis 24 ta' Marzu 2011

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-Parlament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (interpretazzjoni tal-Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura)

P7_TA(2011)0119

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Parlament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (interpretazzjoni tal-Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura)

(2012/C 247 E/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittra tat-22 ta' Marzu 2011 tal-President tal-komitat dwar l-affarijiet konstituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 211 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja dwar l-Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu:

L-Artikolu 90, paragrafu 6, jistabilixxi proċedura speċifika għad-deċiżjoni tal-Parlament dwar l-eżerċitar tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab, skont l-Artikolu 218 paragrafu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tagħti opinjoni dwar il-kompatibbiltà ta' xi ftehim internazzjonali mat-trattati. Din id-dispożizzjoni hija "lex specialis" li tipprevali fuq ir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 128.

Meta il-Parlament jeżerċita d-dritt tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-att in kwistjoni ma jkunx kopert bl-Artikolu 128, il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu tapplika b'analoġija.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament, għall-informazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.